# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Gunju, 2002 .

### Avviz numru : 43/1996G8(PC)

Publius u Mary konjugi Hili .

vs

Nicholas Formosa .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira (Lm324) jew somma ohra verjuri li tigi illikwidata in linea tad-danni sofferti mill-atturi minhabba incident awtomobilistiku li gara fil-11 ta' Mejju 1996 ghal habta tas-1.35 pm fl-Imgarr Road limiti tax-Xewkija, Ghawdex, fejn trakk tat-tip Toyota (A-4989) misjuq mill-attrici Mary Hili u proprjeta' ta' l-istess atturi u trakk iehor tat-tip Kia (R-6631) misjuq u proprjeta' ta' l-istess konvenut liema incident stradali gara unikament htija ta' l-istess konvenut u dana wara li jigi ddikjarat l-istess konvenut li huwa unikament responsabbli ta' l-incident stradali hawn fuq imsemmi li gara kif intqal minhabba traskuragni grassa, imperizja u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku ta' l-istess konvenut .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenut ghas-subizzjoni li minn issa huwa jinsab imharrek bl-imghaxijiet legali skond il-ligi .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi d-domandi attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex fl-ewwel lok, l-incident ma garax tort tal-esponenti izda tort u responsabbilita' tal-attrici minhabba l-manuvra anti-regolamentari u traskurata mwettqa minnha meta hija harget minn stop sign minghajr ma tat opportunita' lil min kien ghaddej fil-"main road" illi jghaddi u b'hekk ostakolat il-karreggjata tal-esponenti; u fit-tieni lok ghaliex fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta' danni mitlub huwa esagerat konsiderat il-konsistenza tad-danni sofferti fit-truck tal-atturi .

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbali tax-xhieda mismugha .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi .

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tittratta kollizzjoni li grat f'Mgarr Road, ix-Xewkija, l-arterja principali ta' Ghawdex, bejn truck misjuq mill-attrici u truck iehor misjuq mill-konvenut . Il-konvenut kien ghaddej fid-direzzjoni mir-Rabat ghall-Imgarr, filwaqt illi l-attrici kienet ghadha kemm harget mill-inkrojcu ta' Hamet Road ma' Mgarr Road . Kif jidher mill-kopja tas-*survey sheet* esebita mill-konvenut (a fol. 66 tal-process), biex ghamlet din il-manuvra l-attrici htigilha tghaddi ma' gemb *traffic island* li dak iz-zmien kien hemm tifred Hamet Road minn Mgarr Road, fejn illum hemm it-*traffic lights* . Il-kollizjoni sehhet ftit 'l fuq mill-fabbrika tal-Gozitano fejn hemm plier indikat fuq li skizz esebit (Dok. JS 1 a fol. 26) u f'dik il-parti ta' Mgarr Road fejn it-triq tidjieq (ara *survey sheet* esebita) . Il-vetturi tal-partijiet spiccaw kif indikati fuq l-istess skizz, bit-truck tal-konvenut quddiem dak ta' l-attrici . Il-hsarat fil-vettura ta' l-attrici kienu koncentrati fuq il-parti tal-lemin ta' quddiem, filwaqt illi dawk tat-truck kienu fuq il-gemb tax-xellug fuq wara tat-truck .

Mid-depozizzjoni tas-surgent John Saliba li nvestiga l-kollizjoni, irrizulta illi *a tempo vergine* l-attrici qaltlu li : "harget mix-Xaghra ghall-Imgarr u kienet sejra lejn l-Imgarr u f'daqqa wahda gie t-trakk l-iehor minn wara u waqt li kien qed jaqla' it-trakk taghha kienet gejja karozza ohra mill-faccata, it-trakk l-iehor ghafas fuq ix-xellug taghha u laqatha u waqaf quddiemha, ftit sewwa quddiemha" . Il-konvenut Formosa qal li: "huwa u sejjer bit-trakk tieghu mid-direzzjoni tar-Rabat lejn l-Imgarr u t-trakk l-iehor kien gej mix-Xaghra u baqa' hiereg lejn ix-Xatt (hu) baqa' tiela u waqt li kien jaqla' lit-trakk l-iehor sema' d-daqqa u waqaf."

Fid-depozizzjoni taghhom waqt is-smiegh ta' din il-kawza, l-attrici kkonfermat din il-verzjoni li kienet tat lis-surgent, imma l-konvenut cahad li qatt qal lis-surgent li kien qed jalqa' l-vettura ta' l-attrici . Xhieda okulari ohra tal-incident ma kienx hemm . Id-divergenza ewlenija bejn il-kontendenti tirrigwarda ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk il-konvenut kienx tassew qed jaqla' lill-attrici x'hin htieglu jrekken lejn ix-xellug fil-parti d-dejqa tat-triq biex jevita vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta, inkella kienitx l-istess attrici li, wara li harget minn Triq Hamet ghall-*main road*, baqghet ghaddejja u inghaqdet mat-traffiku li kien niezel mir-Rabat, minghajr ebda konsiderazzjoni dwar jekk kienitx qed tohloq xi xkiel ghall-istess traffiku .

L-attrici tinsisti illi meta harget minn Triq Hamet il-vettura tal-konvenut kienet ghadha imbieghda sew mill-*cross-roads* u ghalhekk ma setghet

kienet ta' ebda ostakolu ghalieh, li kieku ma ppruvax jilhaqha u anke jghaddiha . Minn naha l-ohra l-konvenut jammetti illi lahaq ra lill-attrici hierga mis-*side street*, anzi ra wkoll taghddas rasha fuq li *steering* u tibqa' hierga . Il-habta ma sehhitx ezattament fuq il-*cross-road*, fejn allura il-konvenut kien ikun jista' jsostni li l-attrici ostakolatlu l-karregjata tieghu minghajr ebda possibilita' fih li jevitaha . Imma, kif anke gie stabilit waqt l-access li nzamm mill-Qorti fuq il-post, il-habta sehhet xi mitt metru aktar 'l fuq . L-attrici kienet lahqet harget sew fuq il-*main road* u l-konvenut kellu ghalhekk kull opportunita' jiehu l-prekawzjonijiet kollha biex inaqqas mill-velocita' ta' madwar sittin/hamsa u sittin k.f.s. li jammetti li kien ghaddej biha, biex jippermettilha tibqa' ghaddejja minghajr xkiel . Imma ghax kien fuq il-*main road* u ghalhekk ippretenda li kellu d-dritta, il-konvenut baqa' ghaddej bl-istess velocita', lahaqha u anke ipprova jissuperaha . Imma proprju fil-hin li kien kwazi qabizha ghal kollox u z-zewg vetturi kienu waslu fl-aktar parti dejqa tat-triq, htieglu jgenneb biex jaghmel il-wisgha ghal vettura gejja mid-direzzjoni opposta u laqghatha bil-kantuniera ta' wara tax-xellug tat-truck tieghu .

F'tali cirkostanzi l-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenut kien imprudenti fis-sewqan tieghu . Is-sorpass (overtaking) huwa wiehed mill-manuvri l-aktar difficli u komplessi . Kull sewwieq ghandu joqghod attent sewwa huwa u jaghmel tali manuvra (M.V.R. 63; App. Krim. P.S. Zammit vol XLVI. p. 4 p. 814) . Qatt m'ghandu jissorpassa sakemm ma jkunx cert li tali manuvra tista' ssir minghajr perikolu ghalieh u ghall-ohrajn (H.C. 71) . Il-Highway Code jelenka diversi sitwazzjonijiet fejn din il-manuvra hija projbita, u fost dan insibu l-kaz fejn it-triq tidjieq (H.C. 74) . Hekk ukoll is-sewwieq ghandu jara li ma jkun ta' ebda ostakolu ghat-traffiku gej minn quddiemu . Dawn ir-regoli l-konvenut ma jidhirx li osservahom .

Minn naha l-ohra ma hemm ebda indikazzjoni li tista' tigi mputata ebda htija fuq l-attrici . Huwa minnu illi ftit aktar kmieni din kienet ghadha kemm harget minn fuq li Stop Sign li kien hemm fl-inkrojcu . Jekk waqfitx jew le fuq l-istess *sign* mhux daqstant rilevanti ghall-kaz in ezami, gialadarba gie stabilit li l-kollizzjoni ma sehhitx hekk kif harget ghal fuq il-*main road* l-attrici, imma madwar mitt metru aktar 'l fuq . Ghall-istess ragunijiet indikati hawn fuq, lanqas tista' tkun verosimili l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attrici ppruvat taqalghu minn gewwa u dahlet fih . Anke l-fatt li gibdilha u qactilha l-mera jindika li kien hu li ssorpassaha u mhux bil-kontra .

Ghaldaqstant jahti ghal dan l-incident il-konvenut wahdu . Rigward id-danni kkagunati fit-truck ta' l-atturi, gew pprezentati diversi ricevuti dwar l-ispejjez inkorsi minnhom fit-tiswija tat-truck taghhom, (Dokti. A1, 2, 3 a fol. 4-5 tal-process) . Dawn l-ispejjez jidhru li huma kompatibbli mal-hsarat li garrab it-track ta' l-atturi konsegwenza tal-habta in kwistjoni . Ma jidher ghalhekk illi hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhomx jigu accettati bhala li jirraprezentaw l-ispejjez tassew inkorsi minnhom ghal tali tiswija . L-ammont totali lahhaq is-somma ta' tliet mija erba' u ghoxrin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm324.25), u ghalhekk tillikwida d-danni sofferti mill-atturi f'dan l-istess ammont .

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-kawza, billi, filwaqt illi tichad l-eccezzonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident stradali msemmi fl-Avviz, tillikwida d-danni subiti mill-atturi konsegwenza ta' dan l-incident fis-somma ta' tliet mija erba' u ghoxrin lira maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm324.25) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici din l-istess somma .

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenut u bl-imghaxijiet legali skond il-ligi mid-data ta' din is-sentenza .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S4396G8(inf)(PC)
1263